MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Numru 1022/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**v**

**ALISTAIRE CAMILLERI**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALISTAIRE CAMILLERI** ta' tmienja w ghoxrin sena bin John u Concetta nee Grima, imwieled Pieta nhar l-hmistax ta’ Frar 1980 u residenti 10, Sqaq numru 1, Triq d-Duluri, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 150180M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmintax ta’ April 2006 ghal habta tat-tlieta w kwart ta’ wara nofsinhar fi Triq s-Sellur, M’Scala, flimkien ma persuna ohra:

1. Ikkommetta serq ta' basket b’ghadd t’affarijeit minn fuq il-persuna ta’ Josephine Farrugia,

liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, ghad-dannu ta' l-istess Josephine Farrugia;

2. Talli fil-hmistax ta' Mejju 2006, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'diversi nhawi ta' Malta, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006, ghal habta ta' nofsinhar, fi Triq Selmun, Selmun, limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta' basket b'ghadd t'affarijiet minn fuq il-persuna ta' Lydia Scerri;

3. Talli fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006, ghal habta tas-sitta ta' filghaxija, fi Triq San Frangisk, Hal Balzan, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, kkommetta serq ta' basket b'ghadd t'affarijiet minn fuq il-persuna ta' Carmela Agius;

4. Talli fis-sebgha w ghoxrin t'April 2006, ghal habta tal-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar, fi Triq l-Isturjun, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, kkommetta serq ta' basket b'ghadd t'affarijiet minn fuq il-persuna ta' Gerarda Decroos ta' sitta w sebghin sena liema serq huwa aggravat bil-vjolenza;

5. Talli minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra u cioe ikkaguna lil Gerarda Decroos ta' sitta w sebghin sena, griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika il-Konsulent Frederick Zammit Maempel MD waqt l-konsumazzjoni tas-serq;

6. Talli fil-hmistax ta' Mejju 2006, ghal habta tas-sitta ta' filghaxija, fi Triq l-Mithna, kantuniera ma Triq San Licinju, Hal Lija, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, kkommetta serq ta' basket b'ghadd t'affarijiet minn fuq il-persuna ta' Giuseppa Borg Spiteri;

7. Talli fl-imsemmija dati, hinijiet u postijiet f'malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

8. Talli fl-istess dati, hinijiet u postijiet rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat Alistaire Camilleri nhar l-ewwel t'April 2006 (fol 34 et seq), nhar t-tnejn t'April 2006 (fol 37 et seq), nhar s-sittax ta' Settembru 2006 [fol 39 et seq], nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 (fol 41 et seq); kif wkoll l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano [fol 170 et seq].

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta' Frar 2008 [fol 247] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2008 [fol 248] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 **xehed Christopher Darmanin** [fol 15] fejn qal li hu qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet. Qal li gie mqabbad sabiex jaghmel ricerka dwar vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBB 694, ta' l-ghamla Peugoet 205 ta' kulur isfar. Spjega li fit-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2006, din il-vettura kienet tghajjat lil certa Odette Sciberras, detentrici tal-karta tal-identita numru 343569M.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 **xehdet Josephine Farrugia** [fol 17] fejn qalet li fit-tmintax ta' April 2006 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar hi kienet sejra lura d-dar b'tal-linja. Meta kienet ghaddejja minn quddiem ic-*cinema* ta' Marsascala kellha *basket* tal-karti f'idejha u *handbag* imdendel fuq spallitha. Gharfet lill-persuna fuq in-naha tax-xellug li l-pulizija qaltilha li jismu Noel Saliba li hadilha l-*handbag* u hi daret u rat wiccu ghax kienet wicc imb'wicc mieghu u hatfilha c-cingi minn fuq spallejha u telaq jigri bil-*handbag*. Ix-xhud qalet li kienet certa minn dan mija fil-mija. Mistoqsija jekk tafx xi haga fuq l-imputat Alistaire Camilleri, x-xhud qalet ma taf xejn dwaru. Ikkonfermat li Noel Saliba kien rikeb karozza u telaq biha, liema vettura kienet tal-ghamla Peugeot, ta' kulur isfar. Xehdet li hi kienet hadet in-*number* u kienet ghaddietu lill-pulizija. Qalet li kellha miktub fuq id-*diary* izda qieghed id-dar w ippromettiet li tesebixxi d-*diary* fis-seduta li jmiss.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **regghet xehdet Josephine Farrugia** [fol 83] fejn qalet li fix-xhieda precedenti taghha kienet qalet li kienet kitbet in-numru ta' vettura fuq bicca karta. Mistoqsija jekk gabitx din il-karta maghha, x-xhud wiegbet li ma setghetx issibha, pero taf li ghamlet *statement* lill-pulzija dwarha.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 **xehdet Irene Scerri** [fol 19] fejn qalet li fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006 hi kienet ghaddejja minn Triq Selmun, Mellieha ma ohtha Lydia. F'daqqa wahda semghet lil ohtha tghid, "serquni…, serquni…". Qalet li hi kellha l-*handbag* imdendel ma spallejha u xi hadd kien hatafulha u telqu jigru wara dan ir-ragel li kien ta' statura kbira. Xehdet li kien hemm karozza safra tistenna u li huma damu jigru warajh, izda ghal xejn. Xehdet li ma hiex mija fil-mija mill-imputat odjern ghaliex il-persuna li serqitha, ratha biss minn wara.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 **xehdet Lydia Scerri** [fol 21] fejn qalet li waqt li kienet Selmun ma ohtha, mexjin nhar l-wiehed u tletin ta' Marzu 2006. Spjegat li hin minnhom marret persuna minn warajhom u gibditilha l-*handbag* li kellha mdendel ma spallejha. Qalet li hi griet

ftit wara din il-persuna twerzaq u din il-persuna baqghet tigri sakemm giet fejn karozza li kien hemm tistenniha u telqu biha. Il-karozza kienet wahda safra pero t-tip taghha ma tafux. In-numru taghha ma lahqitx haditu. Mistoqsi mill-Qorti jekk tgharafx lill-imputat odjern, ix-xhud wiegbet li r-ragel li seraqha kien persuna *well built*, pero wiccu ma ratux, ratu biss minn wara.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Michael Mallia** [fol 23] fejn qal li fis-sittax ta' Mejju 2006, kien arresta lil Alistaire Camilleri li gharaf prezenti fl-awla dwar zewg *snatch and grabs* fejn f'zewg okkazzjonijiet kienet ssemmiet vettura ta' lewn isfar u sahansitra f'wahda minnhom matul l-investigazzjonijiet kien irrizulta li din il-vettura kienet tal-marka Peugeot.

Ikkonferma li lil Alistaire Camilleri matul l-investigazzjoni wara diversi mistoqsijiet li kien ghamillu, ma kienx wiegeb ghall-ebda domanda taghhom. Qal ukoll li serqa minnhom kienet sehhet fis-sebgha w ghoxrin ta' April 2006 fil-Qawra gewwa Triq l-Istamnar fejn kienet ssemmiet ukoll din il-vettura fejn il-vittma, li kienet mara ta' nazzjonalita barranija, certu Geralda De Crocs kienet ukoll sofriet xi griehi.

Ikkonferma wkoll li din kienet fil-fatt ttiehdet l-isptar fejn kien gie rilaxxjat wkoll certifikat mediku dwar xi ksur li kellha minn Doctor Fredrick Zammit Meampel tal-Capua Hospital, Sliema.

Qal ukoll li fl-investigazzjoni tieghu hu kien staqsa lil imputat Alistaire Camilleri, min kien ghamel uzu mill-vettura tat-tfajla tieghu u cioe l-Peugeot ta' kulur isfar u ghalkemm fl-istqarrija ma kien wiegeb xejn, verbalment kien kkonfermalu li kien qed jaghmel uzu minnha hu. Jigifieri eskluda totalment lit-tfajla tieghu.

Fil-fatt, kompla jghid x-xhud, kien staqsih fejn kienet l-karozza u hu kien qallu li kienet pparkjata quddiem id-dar fil-Hamrun fejn hu kien jghix ma din l-istess tfajla dak iz-zmien, pero meta kien insista mieghu li din il-vettura ntuzat biex saret serqa biha, hu baqa jinsisti li ghalkemm

ic-cavetta ma hadha hadd minghandu, kien cert li l-istess vettura baqghet ipparkjata hemmhekk.

Fl-istqarrija tieghu ix-xhud kien ghamilha cara lil imputat li jekk kien veru li ma kienx ghamel uzu minn din il-vettura, allura xi spjegazzjoni jaghtih jekk seta' kien hemm xi hadd iehor li uzaha, kellu cans li jghidlu dak il-hin pero dan baqa jinsisti f'dak li qallu u meta wasal biex johodlu l-istqarrija fil-presenza ta' PS 90 Jeffrey Gerada, wara li nghata s-solitu twissija, dan kien ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li kien ghamillu. Qal li din l-istqarrija hija datata sittax ta' Mejju 2006 u fil-fatt esibixxa l-istess li giet immarkata bhala Dok. MM. Ix-xhud ikkonferma il-firma tieghu u l-firma ta' PS 90 Gerada filwaqt li Alistaire Camilleri kien ghazel li ma jiffirmax.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** [fol 31] fejn qal dwar dan l-akkuzi hu kien kellem kemm lil akkuzat Alistaire Camilleri u kif ukoll lil Noel Saliba u dan diversi drabi fl-ufficcju tieghu. Qal li lil Alistaire Camilleri kien hadlu xejn inqas minn erbgha stqarrijiet f'diversi dati differenti u cioe fl-ewwel ta' April 2006 li hija esibita bhala Dok. JM 1, fejn kien ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda. Din kienet ttehditlu fil-presenza ta' PC 1135 Donatello Cortis. Ix-xhud gharaf fuq il-faccati ta' din l-istqarrija, il-firma tieghu kif ukoll ta' PC 1135 Donatello Cortis fejn l-imputat Alistaire Camilleri kien ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda mistoqsija. Qal li din l-istqarrija kienet ittiehdet wara li kien inghata s-solitu twissija. Zied jghid li hu kien hadlu stqarrija ohra l-ghada fit-tnejn ta' April 2006 u din d-darba fil-presenza ta' PS 180 Fabian Aquilina fejn dan l-istess imputat Alistaire Camilleri kien ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda mistoqsija li kien ghamillu w ikkonferma l-firma tieghu kif ukoll ta' PS 180 Fabian Aquilina fuq l-istqarrija li ttiehdet wara li kienet nghatatlu s-solita twissija, liema stqarrija hija esebita bhala Dok. JM 2. Ix-xhud esebixxa stqarrija ohra li kien ha lill-imputat Alistaire Camilleri fis-sittax ta' Settembru 2006 fejn l-istess, huwa kien ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li kien ghamillu u li wkoll din kienet ttiehdet wara li kien tah s-solita twissija. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, kif ukoll ta' PS 180 Fabian

Aquilina kull fejn tiddekorri fuq iz-zewg faccati ta’ l-istqarrija li tinsab esibita fl-atti bhala Dok. JM 3. Zied jghid li hu kien ha l-ahhar stqarrija tal-imputat Alistaire Camilleri fit-tmintax ta’ Settembru 2006 u dan fil-presenza ta’ PC 705 Adrian Borg fejn l-istess, hu kien ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li kien ghamillu wara li kien tah s-solitu twissija. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu kif ukoll ta’ PC 705 Adrian Borg kull fejn tiddekorri fuq iz-zewg faccati ta’ l-istqarrija in kwistjoni li giet esebita bhala Dok. JM4.

Ix-xhud esebixxa wkoll xugaman ta’ kulur iswed u abjad li kien gie elevat mill-karozza bin-numru ta’ registrazzjoni CBB 694 fit-tnejn ta’ April 2006 li gie mmarkat bhala Dok JM 6.

Illi nhar t-tlettax ta’ Novembru 2006 **rega’ xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** [fol 53] fejn qal li fit-tmintax ta’ April 2006 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta’ wara nofsinhar, certa Josephine Farrugia infurmat l-ghassa ta’ Haz Zabbar permezz ta’ telefonata li madwar kwarta qabel kienet miexja fi Triq is-Sellum, Marsascala meta marret persuna mhux maghrufa minn warajha u qabdilha l-*basket* li kienet qed iggorr u hadulha. Hija qalet li fil-*basket* kellha portmoni li kien fih xi sebgha liri maltin *cash*, kellha mobile phone Samsung li kien jiswa hamsa w tmenin lira maltin bis-*sim card* numru 79314078. Kellha wkoll *MP3 player* li jiswa hamsa w tletin lira maltin u xi affarijiet ohra inkluz dokumenti. Il-vittma qalet li hija kienet sejra d-dar mix-xoghol meta hekk kif waslet fuq il-parti ta’ fuq ta’ Triq is-Sellum, giet din il-persuna u haditilha l-*handbag* u telqet tigri lejn is-‘Sun City Cinema’. Qalet wkoll li hija pruvat tigbidulha lura, pero ma rnexxilhiex. Ippruvat ukoll issegwiha u hin minnhom taf li l-persuna ta’ sess maskili, kien liebes kappell u waqghalu u nnutat li l-persuna li hadilha l-*basket* kien bil-qara. Qalet ukoll li kien persuna li wara hija ratu diehel f’karozza Peugeot ta’ kulur isfar fejn l-ewwel ittra tan-numru tar-registrazzjoni kienet ‘C’. Qalet wkoll li l-persuna kien liebes T-shirt abjad u kif ukoll li kien fih persuna u kien pjuttost twil. Peress li f’dan il-kaz kien insteraq *mobile phone*, kompla jghid x-xhud, l-pulizija kienu ghamlu xi *inquiries* mal-*phone service providors* u

kien rrizultalhoma wkoll li l-*mobile phone* in kwistjoni kienet qed taghmel uzu minnu certa Maria Bajada mill-Marsa. Ix-xhud issokta jghid li huma kellmu lil din Maria Bajada u kif wkoll lir-ragel taghha is-Sur Attard fejn dan kien qalilhom li kien xtara l-*mobile phone* in kwistjoni minghand persuna mhux maghrufa u kien ghaddieh lill-mara tieghu bhala rigal u dan kien ghall-habta ta' April ta' dik is-sena stess. Infatti l-*mobile phone* in kwistjoni kien gie elevat mill-pulizija.

Fil-kors ta' l-investigazzjonijiet, kompla jghid x-xhud l-Ispettur Joseph Mercieca, kien rrizultalu li PS 241 Nicholas Farrugia, li huwa stazzjonat il-Mobile Squad, kien waqqaf karozza Peugeot 205 ta' kulur isfar bin-numru tar-registrazzjoni CBB 694 waqt *routine spot check* fejn din il-karozza kienet misjuqa mill-imputat Alistaire Camilleri u mieghu kien hemm ukoll certu Noel Saliba.

Ghalhekk fil-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2006 huma kienu arrestaw lil Noel Saliba ghal interrogazzjoni gewwa l-Kwartieri Generali u dan kien rrifjuta li jirrispondi l-mistoqsijiet li kien ghamillu u dakinhar ukoll kien qallu li kellu bzonn kura psikjatrika w ghalhekk spicca kellu jiehdu Mount Carmel Hospital u ghal dakinhar l-investigazzjonijiet kienu waqfu hemm hekk. Sadantant, meta kien hiereg bih mid-Depot, kien hemm il-vittma Josephine Camilleri, li wara kienet qaltlu li dak kien l-istess persuna li kien aggredieha dakinhar tas-serqa 'n kwistjoni.

Sadantant l-imputat odjern Alistaire Camilleri kien gie arrestat fis-sittax ta' Settembru w ittehditlu stqarrija fejn huwa kien naqas li jwiegeb ghad-domandi li kienu sarulu u rega' nterrogah fit-tmintax ta' Settembru u rega' l-istess kien naqas li jwiegeb ghall-mistoqsijiet li kien ghamillu.

Sadanitant fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006 ghall-habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar kien gie rappurtat ukoll *snatch and grab* iehor fuq certa Lydia Scerri ta' sebgha w sittin sena. Din kienet rrapurtat li waqt li kienet Selmun, kienet miexja fi Triq Selmun, Mellieha, kien mar persuna minn warajha u hatfilha l-*basket* u wara kienet

ratu diehel f'karozza ta' kulur isfar li fiha kien hemm persuna tistennieh.  Il-vittma kienet qalet li fil-*handbag* taghha dakinhar kellha s-somma ta' tnejn w ghoxrin lira maltin fost affarijiet ohra personali u *mobile phone* bis-*sim card* numru 7929 0188. Dakinhar kienet ma ohtha Rosaria Scerri fejn din kienet kkorroborat dak li qalet ohtha. Xehed li kienu kellmu dakinhar lil certu George Zakkaria Mercieca li nzerta li kien fuq il-post u dan kien qalilhom li dak il-hin ta' l-incident, kien ra karozza ta' kulur isfar, in-numru ma kienx jafu, pero kien nnota li fuq id-*dashboard* ta' quddiem kellu xugaman abjad u iswed u wara li dan ingieb l-Kwartieri Generali, dan kien gharaf il-karozza kif wkoll ix-xugaman bhala l-istess wiehed li kien ra meta kien il-Mellieha gewwa Selmun.   Dakinhar stess tal-wiehed u tletin ta' Marzu 2006 ghall-habta tas-sitta w ghoxrin ta' filghaxija, kien hemm rapport iehor ta' *snatch and grab* minn certa Carmela Agius ta' sebgha w sittin sena li kienet rrapurtat l-ghassa ta' B'Kara lil PS 1122 Arthur Rizzo li waqt li kienet sejra l-knisja miexja fi Triq San Frangisk, B'Kara, flimkien ma zewgt ihbieb taghha u cioe ma Maria Concetta Scicluna u Maria Borg, kien mar persuna minn warajha u hatfilha l-*basket* u telaq jigri bih. Hija qalet li fil-*basket* kellha tmien liri maltin fi flus u xi affarijiet ohra personali u kienet qalet wkoll li hija ma kinitx ratu jirkeb go karozza pero kienet giet mara ohra fuqha w l-habiba taghha, cioe lil Maria Concetta Scicluna u taghtha bicca karta li fuqha kien hemm miktub numru ta' karozza, cioe numru CBB 694 u din il-karta kienet ghaddietha lill-pulizija.

Xehed li kienu kellmu wkoll lil Maria Concetta Scicluna u lil Maria Borg, kif ukoll lill-vittma u cioe Carmela Agius pero din ma setghetx tghidilhom min kienet il-persuna li ghadditilhom il-bicca karta in kwistjoni li fuqha kien hemm in-numru tal-karozza.  Minn tfittxija li kienu ghamlu fid-data li kellhom kien rrizulta li l-karozza CBB 694 hija registrata fuq certa Odette Sciberras li toqghod 10, Alley 1, Triq id-Duluri, Hamrun.   Xehed li meta kellmuha dakinhar lil Odette Sciberras, din kienet qalet verbalment li l-karozza 'n kwistjoni, jigifieri dik bin-numru ta' registrazzjoni CBB 694, kien jaghmel uzu minnha l-*partner* taghha cioe Alistaire Camilleri.  Ghalhekk, zied jghid x-xhud, dakinhar

Alistaire Camilleri kien gie arrestat mill-pulizija ta' B'Kara fejn dan kien nnega l-involviment tieghu fis-serqa 'n kwistjoni.
Spjega li kienu kellmuh wkoll rigward is-serqa li saret dakinhar stess filghodu, pero huwa kien nnega l-involviment tieghu wkoll. Pero ghalkemm fl-istqarrijiet tieghu ma kien qal xejn, meta kellmuh kien qalilhom li l-karozza 'n kwistjoni jaghmel uzu minnha huwa biss. Infatti l-karozza dakinhar kienet ingabet il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u kienet nghatatlu lura fis-sittax ta' April 2006.

Spjega li fil-hmistax ta' Mejju 2006 wkoll ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija kienet sehhet *snatch and grab* ohra, din id-darba fuq certa Guzeppa Borg Spiteri ta' tnejn u sittin sena. Din allegat li waqt li kienet fi Triq Egidio Lapira, Hal Lija titkellem mal-habiba taghha certa Gawdenzia, kienet marret persuna u hadilha l-*basket* u telqet tigri. Fil-*basket* kellha xi flus kontanti, xi hamsa w tletin lira u xi affarijiet ohra personali, inkluz *credit card*. Zied jghid li tkellmu ma Gawdenzia Di Donato fejn kienet qalet li kienet rat lill-aggressur jirkeb go karozza ta' kulur isfar fejn hemm hekk kien hemm persuna ohra tistennieh u telaq minn fuq il-post.

Kien hemm rapport ta' *snatch and grab* ohra fis-sebgha w ghoxrin ta' April 2006 ghall-habta ta' erbgha w kwart ta' wara nofsinhar din d-darba fi Triq l-Istamnar, Qawra fejn hemmhekk kienet giet assaltata turista Belgjana, certa Geralda De Crocs ta' tmienja w sebghin sena fejn kienu hadulha l-*handbag* ukoll dakinhar li fih kellha xi affarijiet fosthom xi flus kontanti li bhala valur kienu jiswew inqas minn mitt lira. F'dan il-kaz il-vittma kienet ttiehdet l-isptar Capua Palace peress li kienet wegghet f'dan l-incident peress li meta gibidha l-malvivent kien waqqaha ma l-art fejn hemm hekk kienet giet ezaminata minn Mr. Fredrick Zammit Maempel fejn dan kien ccertifika li l-vittma kellha xi ksur u kien ccertifikahom bhala griehi ta' natura gravi.

Spjega li dakinhar kienu kellmu lil certu Kevin Mallia li nzerta kien qieghed fuq il-post, u dan kien qal li kien sema' lid-derubata tghajjat ghall-ghajjut u huwa kien mar

jigri wara l-malvivent, lahaq hadlu il-*baseball cap* li kien liebes, pero ma rnexxielux iwaqqfu u kien rah diehel go karozza ta' kulur isfar fejn hemmhekk kien hemm persuna ohra qed tistennieh u kien telaq minn fuq il-post.

Ix-xhud esebixxa certifikat mediku li kien gie rilaxxjat mill-konsulent Fredrick Zammit Maempel fit-tmienja w ghoxrin ta' April 2006 fil-konfront tad-derubata Geralda De Crocs li gie mmarkat bhala Dok. JM 1, sett ritratti f'envelopp kannella, li jammontaw fi hdax il-ritratt, li kienu mehudin minn PS 644 Evan Camilleri bhala Dok. JM 2, dokument ta' qbid ta' vettura CBB 694 datat tnejn ta' April 2006 li gie mmarkat bhala Dok. JM 3, dokument ta' rilaxx fil-konfront ta' l-istess vettura datat sittax ta' April 2006 li gie markat bhala Dok. JM. sentenza moghtija fil-konfront ta' l-imputat Alistaire Camilleri mill-Magistrat Dottor Silvio Meli fil-hamsa ta' Novembru 1997 li giet immarkata bhala Dok. JM 7. Esebixxa wkoll *mobile phone* tal-marka Samsung li gie mmarkat bhala Dok. JM 8.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehed PS 1174 Adrian Sciberras** [fol 48] fejn qal li fil-hmistax ta' Mejju 2006 waqt li kien l-ghassa B'Kara kien ircieva rapport, ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija, li fi Triq il-Mithna, kantuniera ma Triq l-Licinju, Lija, certa Guza Spiteri kienet ghadha kemm harget mill-quddies u waqt li kienet qed titkellem ma habiba taghha, marret persuna minn warajha u qabditilha l-*basket* u telqet tigri u spiccat rikbet karozza safra li kienet ta' ghamla zghira li fiha kien hemm xufier jistenna u telqu lil hinn biha. Ix-xhud esibixxa r-rapport minnu mhejji li gie mmarkat bhala Dok. Z.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehed PS 914 Ivan Mifsud** [fol 75] fejn qal li fit-tnejn w ghoxrin ta' Mejju 2006 ghal habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar waqt li kienu bil-karozza tas-servizz, kien dahal messagg li kienet qed issir tfittxija ghal vettura tal-ghamla Peugeot 305 ta' kulur isfar bi tnejn minn nies fiha allegatament involuti fi *snatch and grab* f'M'Scala. Qal li hin minnhom ra karozza niezla l-Marsa ser taqbad Triq Aldo Moro, tal-istess tip rappurtat. Zied jghid li wara li ccekkjaw mal-*Control Room* biex jaraw

lil min din kienet tghajjat u baqghu jsegwu din il-vettura. Hekk kif waslu f'National Road, l-Blata l-Bajda, inzertaw lil din il-karozza Peugeot 305 safra bin-numru ta' registrazzjoni CBB 694, li kienet qed tigi misjuqa minn Alistaire Camilleri, li gharaf presenti fl-awla u ma gembu kien hemm Matthew Vassallo. Zied jghid li wara li ghamlu tfittxija fl-istess vettura, u fuq il-persuna ta' Matthew Vassallo nstabu zewg *mobile phones* li gew sussegwentement mghoddija lil Ispettur Michael Mallia.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehed PS 644 Evan Camilleri** [fol 77] fejn ikkonferma r-ritratti mehuda minnu esibiti bhala Dok. JM 2. Spjega li dawn huma hdax il-ritratt ta' Peugeot 305 ta' kulur isfar bin-nimru ta' registrazzjoni CBB 694.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehed l-Ispettur Kevin Farrugia** [fol 79] fejn qal li fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006 kien ircieva rapport l-ghassa B'Kara li certa Carmela Agius ta' sitta u sebghin sena, waqt li kienet miexja fi Triq San Frangisk, B'Kara, xi hadd gibdilha l-*handbag* li fiha kellha l-portmoni u tmien liri fost affarijiet ohra personali. Kellhom wkoll informazzjoni anonima li l-persuna li aggredietha kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-ghamla Peugeot ta' kulur isfar bin-numru ta' registrazzjoni CBB 694. Spjega li sussegwentement hu kien arresta lil persuna li kienet qed taghmel uzu minn din il-vettura li rrizulta li kien l-imputat Alistaire Camilleri li gharaf presenti fl-awla. Qal li kien hemm investigazzjonijiet ohra ghaddejja mis-CID w ghalhekk kien hadhom f'idejh l-Ispettur Joseph Mercieca.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehed George Zakkaria Mercieca** [fol 81] fejn qal li f'xi zmien dik s-sena kien l-Mellieha u kien ra incident waqt li kien qed jippassigga. Qal li ma gembu kien hemm karozza pparkjata li fiha kien hemm zewg persuni u fuq d-*dashboard* ta' din il-vettura kien hemm xuguman jew abjad w iswed jew isfar w iswed. Mistoqsi x'kien il-kulur tal-karozza x-xhud wiegeb li ma jiftakarx. Lanqas ma ftakar li ra l-karozza sussegwentement d-Depot tmint ijiem wara. Meta gie muri ritratt ta' xuguman f'karozza, li hu

parti minn dok JM 2, ix-xhud wiegeb li jahseb li hu l-istess li ghamel referenza ghalih llum fix-xhieda tieghu. Qal li l-kulur tal-vettura kien isfar.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed Mr. Fredrick Zammit Maempel** [fol 90] fejn qal li hu kien opera lil certa Gerarla De Crocs, mara anzjana ta' tmienja w sebghin sena u dan fis-sebgha w ghoxrin ta' April 2006 peress li kienet qed tbati minn ksur tar-*right hip*. Qal li din hija l-ikbar ghadma fil-gisem u *by definition* ddum, tlett xhur biex tfieqa. Qal li skond in-notamenti u r-*records* ta' l-isptar St. James Ta' Sliema, Geralda De Crocs kienet dahlet fis-sebgha w ghoxrin ta' April 2006 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija biex jaraha t-tabib ta' l-ghassa. Hemm miktub fin-notamenti ta' l-isptar li din kienet vittma ta' *snatch and grab*. Effettivament kienet waqghet fuq in-naha tal-lemin taghha u kisret ir-*right hip*. Qal li hu kien operaha dakinhar stess tas-sebgha w ghoxrin ta' April 2006. Meta gie muri certifikat mediku esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok. JM1 [fol 59] ix-xhud ikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rapport w ikkonferma l-firma tieghu fuqu.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehdet Carmela Agius** [fol 92] fejn qalet li fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006 ghall-habta tal-hamsa w nofs jew s-sitta ta' filghaxija, hi kienet fil-kumpanija ta' zewgt ihbieb u kienet miexja fi Triq San Frangisk, Hal Balzan. Qalet li kellha mdendel fuq spallitha *handbag* u xi hin mar ragel u gibdliha l-*handbag* minn fuq spallitha.

Mistoqsija jekk taghrafx lil din il-persuna, ix-xhud wiegbet li wiccu ma tgharfux. Ziedet tghid li fil-*handbag* kellha par ingwanti tas-suf, l-karta tal-identita, karti roza ta' l-isptar, portmoni, zewg liri karta u tliet liri zghar. Kompliet tghid li dak il-hin kienet giet mara fuqha u taghtiha numru ta' karozza. Mistoqsija mill-Qorti jekk tiftakarx dan in-numru, ix-xhud wiegbet fin-negattiv, pero qalet li kienet l-istess mara li kienet maghha li kienet ghaddiet dan in-numru lill-pulizija. Qalet li maghha kien hemm certa Connie Scicluna li effettivament rat in-numru u sinjura ohra certa Mary Borg. Qalet li taf wkoll li l-karozza kienet fuq l-isfar.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehdet Maria Concetta Scicluna** [fol 94] fejn qalet li hi kienet miexja fi Triq San Frangisk. f'Hal Balzan, flimkien ma Carmela Agius, u kienu ghadhom kif daru minn go *main road*. Qalet li waqt li kienu mexjin, gie wiehed minn wara bla m'indunaw xejn u lil dik li kien hemm fit-tarf, is-sinjura li harget mill-awla Carmela Agius, qabdilha l-*handbag* u telaq jigri bih. Qalet li huma ma rawhx minn wiccu, rawh minn wara u taf li kienet persuna zghira u statura zghira. Ziedet tghid li huma bdew jghajjtu u giet mara fuqhom u taghthom n-numru tal-karozza li rikeb fiha dan ir-ragel. Sussegwentement marru l-ghassa ta' B'Kara w ghaddew dan in-numru lill-pulizija. Qalet li din il-mara kienet qaltilhom wkoll il-kulur tal-karozza u li huma kienu qalu dan lill-pulizija meta ghamlu r-rapport, ghalkemm dakinhar insiet il-kulur. Mistoqsija min hija l-mara li ghadditilhom l-informazzjoni x-xhud wiegbet li ma tafhiex.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed Kevin Mallia** [fol 96] fejn qal li f'gurnata fost l-ohrajn ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar kien hiereg mix-xoghol fejn jahdem u cioe l-Qawra, meta semgha ghajjat u mar jittawwal u ra mara ma l-art. Dak il-hin ra persuna maskili gejja tigri fid-direzzjoni tieghu w ipprova jzommu pero m'irnexxilux u mar jaghti l-ghajnuna lil din il-mara. Mistoqsi jekk jaghrafx lil din il-persuna li ra tigri, ix-xhud wiegeb li ma jaghrafhiex fl-awla. Sussegwentement kienu cemplulu l-pulizija tal-Qawra u talbuh biex imur hemm hekk u baghtuh d-Depot il-Belt biex juruh xi ritratti, pero meta nizel id-Depot, l-pulizija hallewh hemmhekk, ma wrewh xejn u kellu jitlaq. Qal li min kienet il-persuna tigri ma kienx jaf.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed PS 180 Fabian Aquilina** [fol 98] fejn wara li ra l-istqarrija esebita f'dawn l-atti, mmarkata bhala Dok JM 2 [fol 37], ix-xhud qal li din hija stqarrija ta' Alistaire Camilleri li gharaf prezenti fl-awla fuq il-bank ta' l-imputati. Qal li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija, dan gie moghti is-solita twissija mill-Ispettur Joseph Mercieca u li l-imputat Alistaire Camilleri kien ghazel li ma jwegibx u ma jiffirmax l-

istqarrija. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu kif wkoll dik ta’ l-Ispettur Joseph Mercieca fuq kull faccata ta’ din l-istqarrija.

Meta gie muri stqarrija ohra, mmarkata bhala Dok JM 3 li hija stqarrija rilaxxjata fis-sittax ta’ Settembru 2006, x-xhud ikkonferma li din hija stqarrija ta’ l-imputat li qed ngharaf fl-awla bhala Alistaire Camilleri, li dakinhar wkoll nghata s-solita twissija w ghazel li ma jiffirmahiex. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu kif wkoll dik ta’ l-Ispettur Joseph Mercieca fuqha.

Illi nhar s-sebgha ta’ Marzu 2007 **rega’ xehed PS 180 Fabian Aquilina** [fol 142] fejn wara li ra r-ricevuti esebiti f’dawn l-atti mmarkati bhala dokumenti JM 3 u JM 4, qal li dawk huma ricevuti li gew mahruga mill-Criminal Investigations Department nhar it-tnejn ta’ April 2006 rigwardanti d-Dok. JM 3 u nhar is-sittax ta’ April 2006 rigwardanti d-Dok. JM 4. Spjega li dawn iz-zewg ricevuti huma mahruga f’isem Alistaire Camilleri. Ix-xhud gharaf il-firma tieghi fuq dawn iz-zewg dokumenti, li jinsabu nseriti a fol 61 u 62 tal-process. Ix-xhud, wara li ra zewg stqarrijiet esebiti f’dawn l-atti mmarkati bhala dokumenti JM 2 u JM 3, ikkonferma li dawn z-zewg stqarrijiet gew rilaxxjati minn Alistaire Camilleri nhar it-tnejn ta’ April 2006 w s-sittax ta’ April 2006, [fol 37 et seq] fejn fuqhom gharaf il-firma tieghu u dik ta’ l-Ispettur Joseph Mercieca fuq kull faccata taghhom.

Illi nhar s-sitta t’Awissu 2007 **rega’ xehed PS 180 Fabian Aquilina** [fol 142] fejn ikkonferma d-dokumenti JM 3 u JM 4 esibiti a fol 61 u 62 tal-atti. Ikkonferma l-firma tieghu fuq dawn id-dokumenti, li jirreferu ghal karozza li ha mill-pussess tal-imputat Alistaire Camilleri tal-ghamla Peugoet 205 ta’ kulur isfar bin-numru ta’ registrazzjoni CBB 694 bic-cavetta taghha u *release note* tal-istess karozza, pero minghajr x-xuguman li kien iswed w abjad.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed PS 241 Nicholas Farrugia** [fol 100] fejn qal li nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 kellhom informazzjoni li Peugeot 205 ta’ kulur isfar bin-numru tar-registrazzjoni DBB 694 kienet

involuta fi *snatch and grab* u fuq xoghol li kien qed jaghmel fi Triq Birbal, Hal Balzan quddiem l-istabbiliment Zmerc, niezel 'l isfel u l-vettura in kwistjoni telghet kontra tieghu. Spjega li daru ghal warajha u waqqaf din l-istess vettura fl-inhawi ta' Triq Notabile, quddiem il-pompa tal-petrol. Bhala xufier, fiha kien l-imputat Alistaire Camilleri, li gharaf fl-awla u mieghu kellu bhala passiggier lil certu Noel Saliba. Zied jghid li ghamlu tfittxija fil-karozza li rrizultat fin-negattiv u rrilaxxjaw l-vettura u komplew bid-doveri taghhom.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehdet Guza Borg Spiteri** [fol 102] fejn qalet li kien jum t-Tnejn, hmistax ta' Mejju ghal habta tas-sitta ta' filghaxija meta kienet miexja ma habiba taghha certa Gawdenza b'kunjomha taljan jibda bid-'D', mar xi hadd minn wara u gibdilha l-*handbag* li kellha mdendel ma spallitha u telaq jigri bih. Mistoqsija jekk tgharafx lil persuna li aggreditha u serqitilha l-*handbag*, x-xhud wiegbet li ma tgharfux. Qalet li huma rawh jirkeb sussegwentement f'karozza ta' kulur isfar. Bhala affarijiet li kellha fil-*handbag*, ix-xhud qalet li kellha nuccali tax-xemx, portmoni, l-karta tal-identita u bejn ghoxrin u tletin lira fi flus.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2007 **xehed Doctor Adrian Vella** [fol 110] fejn qal li hu ezamina lil pazjenta bl-isem ta' Geralda De Crocs ta' sebgha sena li kienet giet attakkata fi Triq l-Isturjun, l-Qawra u dan wara li kien gie nfurmat minn xi pazjenti tieghu li joqghodu fejn kien sehh l-incident. Qal li hu rriskontra ksur fuq in-naha tal-lemin tal-*hip* u cempel ghal ambulanza w irreferiha ghand l-konsulent tal-Ortopedija. Zied jispjega li rriskontra *sub capital fracture* u kellha bzonn *hip replacement* u li tali feriti huma ta' natura gravi.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2007 **xehed PS 1122 Arthur Rizzo** [fol 112] fejn qal li fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006 ghall-habta tas-sitta u ghoxrin ta' filghaxija waqt li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija Birkirkara kienet marret certa Marija Carmela Agius tirrapporta li xi nofs siegha qabel kienu serqulha l-*handbag* waqt li hija kienet ghaddejja fi Triq San Frangisk, Hal-Balzan. Qal li

effettivament hu kien kiteb dak kollu li qaltlu fl-okkorrenza li esebixxa bhala Dok. FP. Qaltlu wkoll li kienet marret persuna fuqha, a tempo vergine li kienet rat vettura ta' kulur isfar bin-numru ta' registrazzjoni CVB 694. Spjega li hu kien ikkomunika maz-zewg surgenti li kienu *patrol* u cioe PS 564 u PC 468 u talabhom sabiex jekk jaraw vettura ta' din in-natura fl-akkwati jwaqqfuha. Irrizulta li din il-vettura kienet effettivament registrata fuq il-persuna ta' Odette Sciberras mill-Hamrun w ghalhekk hu pprova jaghmel kuntatt ma din il-persuna izda m'irnexxilux u taha *over* lil *watch* ta' warajh.

Illi nhar s-sitta t'Awissu 2007 **rega' xehed PS 1122 Arthur Rizzo [**fol 220] fejn b'referenza ghax-xhieda precedenti tieghu tas-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2007 qal li n-numru tal-karozza huwa CBB 694 u mhux kif erronjament qal u cioe CVB 694.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2007 **xehed PS 559 Jason Spiteri** [fol 118] fejn qal li fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006 waqt li kien l-ghassa tal-pulizija tal-Mellieha hu kien rcieva rapport ghall-habta tal-ghaxra w nofs cioe appena beda xoghol fejn gie nfurmat li Lydia Scerri li waqt li kienet m'ohtha Irene Scerri hdejn il-kappella ta' Selmun, limiti tal-Mellieha, kellha *handbag* imdendel ma spallitha u hasset lil xi hadd jigbidulha, tqacctet ic-cinga tal-*handbag* u persuna ta' statura ta' circa hames piedi u tmienja telqet tigri fil-karozza s-safra. Xehed li hu ha dan ir-rapport taghha fl-okkorrenza li esebixxa bhala Dok. SS.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2007 **xehed Mauro Vincenzo Gasan** [fol 124] fejn qal li hu jahdem f'agenzija ta' l-ivvjaggar fil-Mellieha u li kien jaf li kien hemm persuna klijenta ta' l-agenzija taghhom certa Geralda De Crocs, li kienet sfat vittma. Qal li ghall-habta tal-hamsa w kwart ta' filghaxija kien ircieva telefonata mis-'Suncrest' biex jinzel malajr il-Qawra ghaliex kien hemm klijenta taghhom ma l-art pero sakemm nizel mill-Mellieha ghal Qawra, l-klijenta kienet diga ngabret mill-ambulanza u ttiehdet l-isptar w ghalhekk hu mar l-Isptar Capua, Tas-Sliema u hemmhekk hija kienet diga bdiet diehla ghall-ezami mediku. Ix-xhud kompla jghid li hu qal lit-tabib x'kien gara u dan infurmah li

kienet ser tigi operata fl-isptar. Qal li meta wasal l-isptar, kien cempel l-ghassa tal-Qawra biex jara preciz x'kien gara u dawn minn naha taghhom qalulu biex jikkomunika mal-vittma u tghidlu hi x'kien gara. Zied jghid li l-vittma kienet iddeskriviet lil aggressur taghha bhala persuna ta' statura kbira.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2007 **xehdet Odette Sciberras** [fol 128] fejn, mistoqsija kif taf lil imputat Alistaire Camilleri, l-imputat odjern, x-xhud wiegbet li ghandha tifla minnhu. Xehdet li hi l-propjetarja tal-vettura Peugeot ta' kulur isfar bin-numru ta' registrazzjoni CBB 694 u li din il-karozza taghmel uzu minnha hi kif ukoll l-imputat Alistaire Camilleri biex imur ix-xoghol biha. Hadd aktar ma juzaha din il-karozza.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2007 **regghet xehdet Odette Sciberras** [fol 200] fejn qalet li meta kienet xehdet l-Qorti fis-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2007 [fol 127] hemm imnizzel li hi jisimha Pat Sciberras meta eventwalment jisimha Odette Sciberras kif hemm imnizzel fix-xhieda li tat fl-istess jum u tikkonferma tali xhieda. Ziedet tghid li hi tuza vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBB 694 tal-ghamla Peugeot ta' kulur isfar biex tmur ghax-xoghol w ghat-terapija f'Mount Carmel. Qalet li meta tuzha jkunu s-sebgha ta' filghodu sas-sitta ta' filghaxija meta tmur lura biha d-dar pero meta ma tuzax din il-vettura, juzaha Alistaire Camilleri avolja johorgu flimkien biha. Kompliet tghid li l-karozza mhux dejjem l-istess tuzaha.

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2007 **xehed PC 705 Adrian Borg** [fol 134] fejn wara li ra l-istqarrija esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok. JM 4 [fol 41 et seq], ikkonferma li din giet rilaxxjata minn Alistaire Camilleri nhar il-hmistax ta' Settembru 2006 fejn fuqha gharaf il-firma tieghu u dik ta' l-Ispettur Joseph Mercieca fuq kull faccata taghha. Qal li peress li Alistaire Camilleri mhux prezenti, ma setghax jghid jekk jaghrfux jew le.

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2007 **xehed PS 76 Carmel Cassar** [fol 136] fejn qal li fil-hdax ta' April 2006 meta hu

kien stazzjonat fl-ghassa tal-pulizija Bormla kienet marret taghmel rapport certa Josephine Farrugia minn Marsascala, u stqarret li waqt li hija kienet ghaddejja fuq il-bankina, kien hemm ragel u hadilha l-*basket* li hija kellha mdendel ma spallejha. Allegat li f'dan il-*basket* kellha xi BOV Cashlink u xi karta tal-identita fost dokumentazzjoni ohra. Qalet wkoll li flus kien hemm sebgha liri fi flus kontanti. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza Dok. S.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2007 **rega' xehed PS 76 Carmelo Cassar** [fol 196] fejn qal li fit-tlettax t'April 2006 ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar, kien ircieva rapport l-ghassa minghand certa Josephine Farrugia, li waqt li kienet qed tippassigga Wied il-Ghajn, resqet persuna warajha u haditilha l-*handbag* li fiha kellha *credit cards*, sebgha liri, mobile tal-ghamla Samsung li jiswa hamsa w tmenin lira u MP 3 li jiswa hamsa w tletin lira. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva, li giet immarkata bhala Dok. POL.

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2007 **xehed Warren Attard** [fol 140] fejn wara li gie mwissi mill-Qorti li kellu d-dritt ma jwegibx ghal domandi li setghu jinkriminawh, hu qal li hu kien xtara *mobile* tal-ghamla Samsung, ghalkemm ma ftakarx kemm kien xtrah. Qal li pero hu kien xtrah minn hanut.
Illi nhar s-sittax ta' April 2007 **xehed PC 1135 Donatello Cortis** [fol 149] fejn wara li gie muri l-istqarrija esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok. JM 1 [fol 34] qal li din hija stqarrija rilaxxjata minn Alistaire Camilleri li gharaf prezenti fl-awla. Qal li qabel ma ttiehdet l-istqarrija, l-imputat nghata s-solitu twissija w ikkonferma l-firma tieghu fuq kull faccata ta' l-istqarrija, kif ukoll il-firma ta' l-Ispettur Joseph Mercieca, pero Alistaire Camilleri ddecieda li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Illi nhar s-sittax ta' April 2007 xehed **PS 342 Johann Said** [fol 151] fejn qal li fis-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006, waqt li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija Qawra, rcieva rapport li kien sar *snatch and grab* fuq persuna anzjana ta' nazzjonalita barranija u gie rrapurtat li xi hadd hadilha l-*handbag* taghha bl-affarijiet li kellha go fih u li waqt dan l-

incident hija sofriet xi griehi. Ix-xhud esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. PS 6.

Illi nhar s-sittax ta’ April 2007 **xehed PS 90 Jeffrey Gerada** [fol 158] fejn qal li l-Ispettur Michael Mallia kien qed jinvestiga kaz ghal diversi *snatch and grabs* fosthom wahda li saret f’Wied il-Ghajn u l-Qawra. Qal li huma kienu nvestigaw lil Alistaire Camilleri li gharaf prezenti fl-awla in konnessjoni ma dan l-i*snatch and grabs*. Qal li konness ma dawn l-*snatch and grabs*, kien hemm persuna ohra li kienet tressqet diga l-Qorti, u dan fuq il-kaz ta’ Wied il-Ghajn. Zied jghid li rrizulta mill-investigazzjoni li Alistaire Camilleri kien qieghed ma din il-persuna li diga tressqet il-Qorti u r-res furtiva sabuha fuq il-persuna l-ohra. Spjega li waqt l-investigazzjoni li kienu qed jaghmlu, kienu baghtu ghall-vittmi u li hu tkellem ma certa Guzeppa Spiteri ghall-kaz li sar *snatch and grab* fuqha fi Triq il-Mithna, Hal Lija. Kompla jghid li fil-frattemp kienu elevaw l-karozza ta’ Alistaire Camilleri u kienu wrewha lil din il-vittma fost karozzi ohrajn, u hija stess kienet marret ghall-karozza s-safra Peugeot proprjeta ta’ Alistaire Camilleri u qaltlu li din il-karozza tixbah hafna lill-vettura li kienet involuta fil-kaz taghha, ghalkemm ma setghatx tikkonferma mija fil-mija ghaliex ma kienitx hadet in-*number plate*. Qal li rrizulta wkoll li din Borg kienet fil-presenza ta’ persuna ohra, certa Gawdenza Di Donato u li din tal-ahhar kienet wkoll qaltlu li l-karozza in kwistjoni kienet ta’ kulur isfar u li kienet tixbah hafna lill-karozza kulur ta’ Alistaire Camilleri. Sussegwentement Alistaire Camilleri gie nvestigat, gie moghti l-opportunita jispjega ruhu u dan ghazel li ma jwegibx ghal domandi li gew maghmula lilu. Qal li fl-investigazzjoni stqarr ma l-Ispettur Mallia li kien hu li kien jaghmel uzu minn din il-karozza.

Illi nhar s-sittax ta’ April 2007 **xehed Joseph Parnis** [fol 160] fejn qal li xi zmien ilu s-sena l-ohra kien sab *handbag* u karkur B’Kara. Kien *handbag* skur qisu sewdieni u hadu dritt l-ghassa tal-pulizija ta’ B’Kara. Ta’ min kien dan il-*handbag* ma kienx jaf.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Mejju 2007 **xehdet Maria Borg** [fol 199] fejn qalet li f’Marzu 2006, hi kienet presenti ghal incident li sehh f’Hal Balzan ghal habta tas-sitta ta’ filghaxija waqt li kienet fil-kumpanija ta’ Carmela Agius meta fid-daqqa w il-hin gie xi hadd minn wara u hadilha l-*handbag* li kellha fuqha. Mistoqsija jekk tgharaf lil persuna li serqet l-imsemmi *handbag*, x-xhud m’gharfitx twiegeb. Qalet li waqt l-incident ma mar hadd fuqha jghidilha x’kien gara pero mar xi hadd jghidlha li kien ha n-numru tal-vettura f’liema vettura l-persuna li serqet il-*handbag* telqet tigri fiha u hi ghaddiet dan n-numru lil pulizija. Qalet li hi marret ma Carmela Agius ghand l-pulizija b’dan in-numru. Mistoqsija kif ghaddiet dan n-numru lil pulizija x-xhud m’gharfitx twiegeb.

Illi nhar l-hamsa ta’ Lulju 2007 **xehed Doctor Mario Scerri [**fol 213] fejn qal li hu kien gie nominiat mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano b’digriet tas-sebgha w ghoxrin t’April 2006 fl-atti tal-inkjesta dwar griehi li garrbet Geralda De Crocs. Ix-xhud ikkonferma l-istess relazzjoni tieghu esibita a fol 180 tal-atti.

Illi nhar s-sitta t’Awissu 2007 **xehed l-Ispettur Josric Mifsud** [fol 218] fejn qal li fis-sebgha w ghoxrin t’April 2006 kienu gew infurmati li kien hemm snatch and grab f’San Pawl il-Bahar fejn persuna li kellha *handbag* ma spallitha, giet imkaxkra ghal xi distanza w ittehdilha l-*handbag* u sofriet wkoll xi feriti u cioe kellha l-*pelvis bone* miksura u li kienet damet ghal perjodu twil rikoverata l-isptar kawza ta’ din l-aggressjoni. Ix-xhud ikkonferma r-rapport imhejji minnu esibit a fol 173 tal-atti. Mistoqsi jekk kien ra xi videos waqt din l-investigazzjoni, x-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar s-sebgha ta’ Marzu 2007 **xehed Noel Saliba [**fol 230] fejn qal li hu kien ko-akkuzat mal-imputat fil-proceduri odjerni pero l-kaz tieghu kien gie deciz nhar il-hamsa ta’ Lulju 2007. Qal li hu pazjent mentali fl-isptar Monte Carmeli fil-Forensic Unit u li kien ilu tahht kura medika ghal tlettax il-sena w ghandu problema li jinsa u ma jiftakar xejn. Qal li minn mindu gie deciz l-kaz tieghu zdiedulu hafna pilloli.

Illi permezz ta’ digriet taghha tal-erbgha ta’ Dicembru 2007, in vista ta’ dak mitlub permezz ta’ rinviju tal-Avukat Generali datat tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2007 [fol 234] w in vista ta’ dak li xehed Noel Saliba fis-seduta tas-sebgha ta’ Marzu 2007, il-Qorti nnominat lil Doctor Joseph Cassar sabiex bhala Psikjatra jezamina lil Noel Saliba bil-ghan li jirrelata dwar jekk l-istess ghandux jitqies bhala xhud kompetenti f’dan l-istadju.

Illi nhar l-hmistax ta’ Jannar 2008 **xehed l-Psikjatra Doctor Joseph Cassar** [fol 239] fejn iddikjara li minn ezami li sar fuq Noel Saliba rrizultalu li dan kien qed ibati minn marda ta’ genn, schizophrenia kronika paranoika fit-termini tal-ligi. Qal li Noel Saliba kien jinsab f’qaghda akuta ta’ disturb mentali u mhux kapaci jaghti x-xhieda tieghu l-Qorti. Qal li fi zmien li sehh r-reat, Noel Saliba kien f’fazi psikotika wkoll u mhux facli li f’dak l-istadju wiehed ikun jaf b’certezza kif kien l-istat mentali tieghu. Doctor Joseph Cassar esibixxa r-relazzjoni tieghu f’dan r-rigward li giet immarkata bhala dokument JC [fol 241 et seq].

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Novembru 2008 **xehed l-Psikjatra Doctor Joseph Spiteri** [fol 260] fejn qal li l-imputat Alistaire Camilleri kien ilu taħt l-kura tieghu ghal dawk l-ahhar tmien snin u kien jafu kemm fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin kif wkoll fl-isptar Mater Dei u Mount Carmel. Qal li dan ibati minn problema ta’ depressjoni kkumplikata bit-teħid ta’ sustanzi lleciti. Qal li llum il-gurnata, l-kundizzjoni medika tieghu tjiebet u hu stabbli u dan permezz ta’ kura li qed jinghata minnu stess u bit-tnaqqis ta’ teħid ta’ droga. Qal li llum il-gurnata qed ifittxulu xoghol fl-istess sptar Monte Carmeli u jinsab fuq l-lista ghal dan l-ghan. Ikkonferma li l-progress tal-imputat ilu jigi registrat ghal dawk l-ahhar sentejn jew tlieta w illum il-gurnata l-imputat ghandu relazzjoni u kien ghalhekk li hu kemmxejn stabbli. Spjega pero li meta ikun hemm xi problemi fir-relazzjoni li hu ghandu, l-istat mentali tal-imputat, imur naqra lura. Ikkonferma li fil-fehma tieghu, llum il-gurnata l-imputat “ghamel progress fenominali”.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz, l-prosekuzzjoni, li ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kulll dubbju dettat mir-raguni, ressqet diversi xhieda okulari li raw uħud mill-i*snatch and grabs* isehhu, izda hadd minnhom ma kien f'posizzjoni li jghid li kien l-imputat Alistaire Camilleri li kien il-malvivent li kkommetta dawn l-i*snatch and grabs.* Il-prosekuzzjoni ghamlet tentattivi biex tiddentifika lil imputat Alistaire Camilleri bhala l-awtur ta' dan r-reat billi ressqet provi cirkostanzjali w kien ghalhekk li din il-Qorti ghamlet ezami fid-dettal tax-xhieda prodotta. Huwa ghalhekk l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tara jekk dawn humiex provi cirkostanzjali jew indizzjarji li jorbtu lil imputat mar-reat in kwistjoni.

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Parctice*** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal ***Lord Normand*** fil-kaz **Teper v R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun** nhar d-disgha ta' Jannar, 1998.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu il-hati u li l-provi li jigu imressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkew prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat bir-reati addebitati lilu.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et *deciza fis-sitta ta' Mejju, 1961*** kien intqal li:

"*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.

Issa fil-kaz in ezami hemm hafna xhieda li jghidu li raw lil aggressur jitlaq jigri go karozza ta’ kulur isfar, izda hadd mix-xhieda ma jaghti dettalji dwar din il-vettura, la dwar l-ghamla taghha u lanqas dwar in-numru ta’ registrazzjoni taghha.

Il-prosekuzzjoni tghid li hija nghatat in-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura li kienet involuta fi *snatch and grab* minn xi vittma, pero din il-vittma tghid li ma kienetx hi li hadet in-numru taghha, izda inghatalha minn xi persuna li ma tafx min hija u li ma xehditx f’dawn il-proceduri.

Ghalhekk, fil-kamp penali, stante li din il-prova ma hiex konfermata minn min ipprovdiha, din ma tikkostitwix fatt w ghalhekk ghandha tigi skartata.

Hemm xhieda li tghid li l-imputat kien fartas u ta' statura kbira, izda l-imputat la hu fartas u wisq anqas ghandu statura kbira.

Illi pero, dwar l-i*snatch and grab* li sehh gewwa l-Mellieha, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

Christopher Darmanin, rappresentant tal-ADT, ikkonferma li l-vettura Peugeot 305 bin-numru ta' registrazzjoni CBB 694, ta' kulur isfar, tappartjeni lil Odette Sciberras. Il-prosekuzzjoni ppruvat li din Odette Sciberras hija l-partner tal-imputat u meta l-vettura ma tkunx fil-pussess taghha, juzaha l-imputat.

L-Ispettur Joseph Mercieca jghid li l-imputat, verbalment, qallu li huwa jsuq l-vettura ta' Odette Sciberras. Issa, l-vittma tal-i*snatch and grab* tal-Mellieha, Lydia Scerri w oħtha Irene Scerri, m'gharfux lil imputat pero qalu li l-aggressur telaq jigri f'karozza safra.

George Zakkaria Mercieca (fol. 81) jghid li hu kien qed jippassigga l-Mellieha dakinhar tal-incident u rax l-i*snatch and grab* isehh. Qal li ma gembu kien hemm vettura safra pparkjata u fiha kien hemm zewg persuni u fuq d-*dashboard* kien hemm xuguman ta' kulur abjad w iswed jew isfar w iswed. Qal li l-kulur tal-vettura huwa isfar u meta mar d-Depot, gimgha wara li sehh l-incident, fil-bitha tas-CID ra l-vettura 'n kwistjoni.

Illi l-prosekuzzjoni kkonfermat li x-xhud taghha George Zakkaria Mercieca, gharaf l-vettura ta' Odette Sciberras li kienet fil-bitha tas-CID bhala l-vettura li telqu jigru biha l-aggrassuri.

Illi l-imputat ma cahadx din ix-xhieda u ma ressaq ebda xhud *a contrario senso* li ma kienx hu fil-vettura w ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li din x-xhieda

hija ndikattiva li kien l-imputat odjern li kien qed isuq il-vettura li kienet involuta f'dan l-i*snatch and grab*.

Illi minn ezami tal-okkorrenza mehuda minn PS 559 Jason Spiteri esibita a fol 120 bhala Dok. SS, jirrizulta li l-vittma Lydia Scerri twieldet fit-tnax ta' Novembru 1929 w ghalhekk meta sehh dan r-reat, hi kellha sebgha w sebghin sena, w ghalhekk zgur li ghandha titqies bhala anzjana ai fini tal-aggravju tal-persuna fis-serq. Illi pero ma jirrizultax l-aggravju tal-valur stante li l-oggett misruq ghandu valur ta' inqas minn mitejn tlieta w tletin euro.

Illi l-prosekuzzjoni akkuzat lil imputat Alistaire Camilleri talli huwa recidiv. Veru li fl-atti hemm esibita sentenza li allegatament inghatat fil-konfront ta' certu Alistiare Camilleri, pero l-prosekuzzjoni ma ressqet lil ebda ufficcjal tal-pulizija sabiex jikkonferma l-identita tal-imputat fil-konfront ta' dik s-sentenza. Pero l-Qorti, ezaminat l-atti u jirrizulta li d-difiza ezentat lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq tali prova u dan fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2007 (fol. 167).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-persuna fil-Mellieha u talli huwa recidiv.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 49, 50, 214, 215, 216, 261(a)(c), 262, 267, 274, 276, 276A, 279, 284, 285, 289, 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat ALISTAIRE CAMILLERI hati ta' tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, <u>salv</u> dik ta' *snatch and grab* fuq il-persuna ta' Lydia Scerri fil-Mellieha, liema reat huwa aggravat bil-persuna u tal-akkuza ta' recidiva w invista tal-passat tal-imputat, kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu esibita fl-atti a fol 5 et seq, tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn mill-lum.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-**

**hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati PS 1374 Edgar Dalli, PS 1253 Fredrick Brincat, Doctor Mario Scerri u Doctor Joseph Cassar fl-ammont komplessiv ta' erbgha mija w erbgha Euros [€404] u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija skond l-ligi.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti qed taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jintbaghat l-isptar Monte Carmeli sabiex jinghata l-kura mehtiega mill-Psikjatra Doctor Joseph Spiteri in linea ma dak li xehed l-Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------